MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Numru 778/2003

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **John Busuttil** ta' 44 sena, iben Michael, detentur tal-karta tal-identita' 711748 (M):

Talli b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe;

Talli fl-24 ta' Jannar, 2002 u fit-12 ta' Lulju, 2002 u fil-jeim ta' wara f'dawn il-Gzejjer, bhala persuna li mhux ufficjal jew impjegat pubbliku b'abbuz t'awtorita, ffalsifikajt certifikat ta' Vehicle Roadwothiness Test ghall-vettura Piaggio Porter, bin-numru tar-registrazzjoni CAG 985 u Peugoet bin-numru tar-registrazzjoni GAG 469 billi ghamilt jew tajt dikjarazzjoni falza jew certifikat falz u dan ai termini tal-art. 185(2) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi sabiex tiksab xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, b'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz billi ffalsifikajt certifikat tal-'Vehicle Roadwothiness Test ghall-vettura Piaggio Porter bin-numru tar-registrazzjoni CAG 985 u Peugoet bin-numru tar-registrazzjoni GAG 469 u dan ai termini tal-art. 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamilt falsifikazzjoni jew xjentement ghamilt uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat tal-'Vehicle Roadwothiness Test' ghall-vettura Piaggio Porter bin-numru tar-registrazzjoni CAG 985 u Peugoet bin-numru tar-registrazzjoni GAG 469 bi ksur tal-art 189 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370 (4) tal-kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura skond il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Ottubru 2004.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi l-prosekuzzjoni ressqet lill-imputat sabiex iwiegeb ghal-akkuzi kontra tieghu wara li irrizultaw diskrepanzi fil-log books ta' zewg vetturi li ghaddew mil-VRT u ccertifkati mill-imputat bhala detentur tal-licenzja ta' VRT Tester. Il-Prosekuzzjoni ressqet provi li juru illi wahda mill-vetturi kellha numru tal-magna differenti minn dak indikat fil-log book. Wara spezzjoni mill-Pulizija fil-garage tal-imputat u fl-istess perjodu, irrizultat vettura ohra b'diskrepanza bejn il-log book u n-numru tal-magna u ghalhekk il-Pulizija iddecidiet li tressaq lill-imputat.

Ikkunsidrat illi jirrizulta illi l-imputat, bhala d-detentur tal-licenzja ta' VRT Tester kien iffirma ghall-ezami tal-VRT tal-vetturi in kwistjoni minghajr ma ezamina l-vetturi fizikament. Id-diskrepanza bejn in-numru tal-magni in kwistjoni u l-log books de quo hija wahda totali u mhux

konsistenti f'xi zball ta' numru wiehed jew tnejn minn serje. Il-prosekuzzjoni giebet bhala xhieda is-sidien kurrenti tal-vettur u dawn ikkonfermaw illi huma qatt ma kienu ghamlu tibdil fin-numru tal-magna;

Ikkunsidrat illi l-wara ezami tal-provi mressqa il-Qorti hi tal-fehma illi l-prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha fil-grad rikjest mil-ligi u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 183, 185 (2), 188 u 189 tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Il-Qorti qed tillibera lill-imputat bi-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien tlett snin mil-lum ai skond l-artikolu 22 tal-Kap 446;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------